**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Ottubru, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 1229/2018 AF**

**Carmelo Meli Limited**

**u**

**Carmelo Meli f'ismu proprju u ghal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi gja maghruf bhala Kontrollur tad-Dwana bhala rapprezentant legali tad-Dipartiment tad-Dwana u fil-verbal tal-10 ta' April 2019, il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni fl-okkju fis-sens li flok "Kummissarju tat-Taxxi" jrid jigi indikat bhala "Direttur Generali Dwana"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Carmelo Meli Limited u Carmelo Meli proprio, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti esponenti huma burdnara licenzjati u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh ta' dan il-kawza u ilhom hekk licenzjati ghal diversi snin.

Is-socjetà rikorrenti esponenti tifforma parti mill-Burdnara Bulk Cargo Group u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh ta' din il-kawza.

Skont l-Att dwar il-Liberazzjoni u t-Trasport ta' Merkanzija – Kap. 203 tal-Ligijiet ta' Malta u senjtament skont Artikolu 3 tal-imsemmi Att:

> "*Ħadd ma jista' jagħmilha ta' burdnar ħlief b'permess tad-Dwana u skont permess tad-Dwana mogħti għalhekk mill-Kontrullur*".

Artikolu 9 tal-istess Att jipprovdi li:

> "*Ebda ħaġa f'dan l-Att ma għandha tiftiehem li tippreklud i importatur jew esportatur jew sid ta' xi merkanzija milli jagħmel id-dikjarazzjonijiet tad-Dwana jew milli jirtira u, jew jittrasporta xi merkanzija importata jew li tkun ser tiġi esportata minnu, jew li tappartjeni lilu, skont il-każ, minn jew għal xi tinda tad-dwana, maħżen tad-depożt, depożt, veranda, moll jew post ieħor ta' depożt, jew milli jiġu moqdija dawk l-operazzjonijiet jew servizzi għalih u f'ismu mill-impjegati tiegħu regolari awtorizzati kif imiss minnu:*
> *Iżda ebda importatur, esportatur jew sid ta' xi merkanzija ma jista' jġiegħel li dik il-merkanzija tiġi trasportata minn jew għal xi post tali kif ingħad qabel, ħlief permezz tas-servizzi ta' burdnar liċenzjat kif imiss għal hekk, kemm-il darba ma jużax għal dak l-iskop mezzi ta' trasport li jappartjenu lilu u, meta jkun hekk meħtieġ mill-Kontrullur, ma jissodisfax lill Kontrullur qabel ma l-merkanzija tiġi hekk*

*trasportata li huwa l-importatur, l-esportatur jew is-sid, skont il-każ, ta' dik il-merkanzija*".

Minn qari tal-imsemmija Artikoli 3 u 9 tal-Att dwar il-Liberazzjoni u t-Trasport ta' Merkanzija – Kap. 203 tal-Ligijiet ta' Malta, jsegwi b'mod car u inekwivokabbli li l-ebda persuna, entità u/jew kumpannija ma tista tittrasporta merkanzija b'mezzi ta' trasport li jappartjenu lilha jekk din il-merkanzija ma tkunx tapparjeni lilha.

Ghal numru ta' xhur irrizulta li kumpannija li timporta s-siment f'Malta qieghda tittrasporta siment li ma jappartjenix lilha tant li din il-merkanzija qieghda tigi ttrasportata ghand kuntratturi li anke jekk uhud minnhom huma socji azzjonisti ta' din il-kumpannija huma persuni separati u distinti minn din l-istess kumpannija. Isegwi ghalhekk li din il-kumpannija qieghda tikser id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Att – Kap. 203 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Burdnara Bulk Cargo Group li taghha s-socjetà rikorrenti esponenti hija membru ilhom ghal zmien twil igibu dan kollu, ghak-konjizzjoni tad-Dipartiment tad-Dwana li tieghu l-intimat huwa responsabbli, izda kemm id-Dipartiment u kemm l-intimat injoraw kompletament dan kollu u qeghdin ikompli jinjoraw dan il-ksur u jonqsu milli jaraw u jassikuraw li l-ligi tal-pajjiz tigi rispettata.

Konsegwenza u rizultat ta' dan il-membri tal-Burdnara Bulk Cargo Group inkluz allura s-socjetà rikorrenti esponenti pprezentaw protest gudizzjarju sabiex igibu l-fatti fuq deskritti u indikati ghaf-formali konjizzjoni tal-intimat u intimawh sabiex jirrispetta dak li hemm provdut u stipulat fl-Att dwar il-Liberazzjoni u t-Trasport ta' Merkanzija – Kap. 203 tal-Ligijiet ta' Malta u ma jhallix li d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jigu miksura b'impunità totali u b'dannu ghall-ghixien tal-membri tal-Burdnara Bulk Cargo Group.

Nonostante l-prezentata ta' dan il-protest gudizzjarju liema protest gudizzjarju gie debitament notifikat fid-9 ta' Novembru, 2017 l-intimat baqa' ma ghamel xejn sabiex jara u jassikura li l-

ligi tal-pajjiz tigi rispettata tant li l-ksur tal-imsemmija provvedimenti l-Att dwar il-Liberazzjoni u t-Trasport ta' Merkanzija – Kap. 203 tal-Ligijiet ta' Malta baqa' jigi perpetwat b'impunità assoluata u sfaccata anke wara n-notifika tal-imsemmi protest gudizzjarju u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh ta' din il-kawza.

L-agir tal-intimati konsistenti f'ommissjoni kostanti u kontinwa li tigi mharsa l-ligi tal-pajjiz u jigi assikurat ir-rispett taghha barra li jikkostitwixxi ksur tal-ligi tal-pajjiz, ligi li l-intimat huwa obbligat li jhares u jassikura li tigi rispettata qieghed jipperikola l-ghixien tar-rikorrenti esponenti u ta' burdnara ohra licenzjati bhalhom u jgib fix-xejn kull valur ekonomiku u finanzjarju li seta' u jista' jkolla il-licenzja ta' burdnara li flimkien ma' burdnara ohra licenzjati huma gawdew ghal snin twal u li suppost ghadhom u ghandhom dritt li jgawdu.

Ghalhekk sabiex tigi konservata s-saltna tad-dritt f'pajjizna quddiem inertia totali u abbandun assolut u komplet tad-doveri statutorji tal-intimat u sabiex jigu protetti u salvagwardati id-drittijiet tas-socjeta rikorrenti esponenti inkluz id-dritt ta' kumpens ghal kull telf li hija soffriet, qeghda ssofri u tista' ssofri qieghda tigi promossa dina l-azzjoni.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Prevja dikjarazzjoni li l-intimat naqas u qieghed jonqos milli jhares u jara li tigi mharsa u rispettata il-ligi, senjatament l-Att dwar il-Liberazzjoni u t-Trasport ta' Merkanzija – Kap. 203 tal-Ligijiet ta' Malta, li t-tharis u rispett taghha jaqghu taht ir-responsabiliatjiet tieghu u li konsegwenza u rizultat ta' dan in-nuqqas huwa rrenda ruhu responsabbli ghall-konsegwenzi kollha emanenti minn tali nuqqas u dan bhala l-oghla ufficjal tad-Dipartiment tad-Dwana u fil-vesti ufficjali u istituzzjonali tieghu bhala rapprezentant legali tad-Dipartiment tad-Dwana, meta huwa kien gie mgharraf li qieghda tigi miksura il-ligi u ma ghamel xejn sabiex dan il-ksur ma jsehhx, jigi evitat u jigi punit, tikkundannah sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni kollha kkawzati lir-

rikorrenti esponenti jew min minnhom rizultat ta' dan in-nuqqas.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti esponenti jew min minnhom okkorrando permezz ta' periti nominati; u,

3. Tikkundanna lill-intimat bhala l-oghla ufficjal tad-Dipartiment tad-Dwana u fil-vesti ufficjali u istituzzjonali tieghu bhala rapprezentant legali tad-Dipartiment tad-Dwana sabiex ihallas id-danni kollha li jkunu gew likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimat bhala l-oghla ufficjal tad-Dipartiment tad-Dwana u fil-vesti ufficjali u istituzzjonala tieghu bhala rapprezentant legali tad-Dipartiment tad-Dwana, li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali (Dwana) li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

In linea preliminari, id-Direttur Ġenerali tad-Dwana jirrileva li mhuwiex il-leġittimu kontradittur għal din il-kawża ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress illi ż-żona mertu tal-allegat nuqqas ta' infurzar ma hijiex responsabbilità tal-esponent.

In linea preliminari wkoll, l-esponent jeċċepixxi li din l-azzjoni hija aflitta minn nuqqas ta' interess ġuridiku da parti tar-rikorrenti stante li l-azzjoni tirrigwarda allegat aġir attribwibbli lil terz.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jirrispinġi bis-saħħa kollha l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur li qed isiru mir-rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu elenkanti mingħajr preġudizzju għal xulxin:

a. Illi l-permess ta' burdnar jawtorizza lill-burdnar li jagħmel id-dikjarazzjonijiet mad-Dwana u jirtira l-merkanzija minn tinda jew maħżen tad-Dwana fiż-żoni reċinati;

b. Illi l-postijiet approvati għall-iżbark u li huma amministrati mid-Dwana huma mniżżla fl-ewwel skeda tal-liġi sussidjarja 37.05 tal-Liġijiet ta' Malta. L-aċċess għal dawn il-postijiet huwa limitat u għalhekk id-Dwana f'dawn iż-żoni għandha kontroll fuq min jidħol u joħroġ minn dawn il-postijiet;

c. F'Malta s-siment jinħatt fil-Moll tal-Faħam (*Coal Wharf*), liema moll mhux indikat fil-liġi sussidjarja 37.05 u mhux reċinat;

d. Illi d-Dwana m'għandha l-ebda kontroll u m'għandhiex ikollha kontroll fuq min iġorr merkanzija f'postijiet mhux reċinati bħat-toroq, mollijiet u xtut – bħal ma huwa l-każ in diżamina. In oltre, mhuwiex kompitu u responsabbiltà tal-esponent illi f'żoni li ma jaqgħux taħt il-liġi sussidjarja 37.05 jara min qiegħed iġorr il-merkanzija;

e. Għalhekk id-Dwana m'għandha l-ebda kontroll fuq min jersaq iġorr is-siment minn u lejn dan il-moll (Moll il-Faħam), u lanqas għandha għalfejn ikollha kontroll hemmhekk. Barra minn hekk, **it-trasport f'postijiet li mhumiex 'postijiet approvati għall-iżbark' jaqa' taħt il-kontroll t'awtoritajiet oħra u mhux taħt id-Dipartiment tad-Dwana**;

f. Illi għall-kjarezza, l-unika poteri investigattivi mogħtija lill-esponent oltre l-konfini tal-'postijiet approvati għall-iżbark' huma esklussivament sabiex isiru verifiki u kontrolli dwar taxxi, u prinċiparjament id-dazju tas-sisa skont il-bżonn, u dan sabiex ikun issalvagwardjat l-errarju pubbliku – u mhux sabiex isiru verifiki dwar min għandu liċenzja o meno ta' burdnar barra l-konfini tal-postijiet approvati għall-iżbark;

L-intimat Direttur Ġenerali tad-Dwana dejjem aġixxa skont il-liġi u mexa bl-akbar reqqa u diliġenza u għalhekk mhuwiex responsabbli għal kwalunkwe danni li allegatament sofrew ir-rikorrenti, liema danni fi kwalunkwe każ iridu jkunu ppruvati.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Direttur Ġenerali tad-Dwana qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-interità tagħhom kif dedotti fir-Rikors Promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tal-10 t'April 2019 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u awtorizzat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawża sabiex minflok Kummissarju tat-Taxxi jitniżżel Direttur Ġenerali (Dwana).

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qegħdin ifittxu li jiksbu dikjarazzjoni fis-sens illi l-intimat naqas milli jassigura l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Liberazzjoni u t-Trasport ta' Merkanzija, Kap. 203 tal-Liġijiet ta' Malta u li għalhekk huwa rrenda ruħu passibbli għad-danni mġarrba mir-rikorrenti konsistenti dawn f'telf ta' dħul finanzjarju mill-ġarr tas-siment liema telf ġie kkalkolat mir-rikorrenti bħala ammontanti għas-somma ta' €202,951.45. Talbu għalhekk il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna għall-ħlas tal-ammont likwidat, talbiet dawn illi huma konsegwenzjali għall-ewwel talba.

L-intimat laqa' billi eċċepixxa li mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti stante illi fit-termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12, l-infurzar tal-liġijiet ma jinkwadrax fil-mansjonijiet tiegħu. Eċċepixxa wkoll in-nuqqas t'interess ġuridiku fir-rikorrenti għar-raġuni illi l-aġir lamentat jolqot lil terzi u mhux lir-rikorrenti. Fil-mertu essenzjalment ġie eċċepit illi la darba l-ħatt tas-siment isir fil-Moll tal-Faħam (Fuel Wharf) liema moll mhuwiex reċintat u allura mhuwiex regolat permezz tal-

Leġislazzjoni Sussidjarja 37.05, l-intimat ma jistax jikkontrolla xi jsir f'dan il-port u allura ma jistax ikun passibbli għad-danni allegati.

## Il-Provi

Mill-provi jirriżulta inkontestat illi Carmelo Meli huwa burdnar liċenzjat. Is-soċjetà rikorrenti Carmelo Meli Limited tifforma parti mill-Burdnara Bulk Cargo Group li huwa grupp ta' burdnara liċenzjati li jġorru merkanzija bħal siment u żrar.

Ir-rikorrenti jistrih fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 203 senjatament l-Artikolu 9 li jippreskrivi li l-merkanzija għandha tinġarr biss minn sidha. Jgħid però illi d-ditta Eurochem li hija estranea għall-ġudizzju ta' llum, timporta s-siment f'Malta u qed iġġorr dan u tikkonsenjah lil terzi billi tuża s-servizz tal-ġarr tal-kuntratturi mpjegati magħha. Jgħid illi jaf b'dan għaliex kien hu stess flimkien ma' Jeffrey Muscat u Anton Baldacchino, li ukoll xehdu f'dawn il-proċeduri u kkorroboraw ix-xhieda ta' Meli, li segwew it-trakkijiet ta' Eurochem minn Fuel Wharf għal għand it-terzi li lilhom tqassam is-siment. Xehed illi din il-kwistjoni ġiet senjalat lil Burdnara Bulk Cargo Group u fil-fatt mill-atti jirriżulta li l-kwistjoni tressqet anki quddiem il-General Workers Union li ntervjeniet sabiex il-kwistjoni tiġi riżolta.

Robert Borg in rappreżentanta tal-General Workers Union xehed illi Inter Cement, li hija estranea għall-proċeduri ta' llum, timporta madwar 35% tas-suq tas-siment kollu. Peress illi din kienet qegħda tqabbad burdnara tagħha sabiex iġorru s-siment, dan beda jħalli effett negattiv fuq il-burbnara liċenzjati.

Joseph Chetcuti, Direttur Ġenerali (Dwana), xehed illi Fuel Wharf ossia l-post fejn jinħatt is-siment mhuwiex żona kkontrollata għaliex mhuwiex *customs area*. Issokta jgħid illi la darba l-post in kwistjoni mhuwiex indikat bil-liġi bħala *customs area*, l-intimat m'għandu ebda kontroll fuq min jidħol biex iġorr is-siment minn hemmhekk. Żied jgħid illi dan il-post għalhekk jaqa' taħt il-kontroll tal-Awtorità ta' Malta Dwar it-Trasport.

Chetcuti kompla jixhed illi wara li nqalgħet il-kwsitjoni u saru t-taħdidiet inkluż mal-awtortijiet ikkonċernati, kellha tiddaħħal emenda fil-liġi għall-fini illi Fuel Wharf jiġi dikjarat bħala *customs area* u b'hekk imbagħad l-intimat ikun jista' jeżerċita kontroll fuq dan il-post ukoll.  Fil-fatt, din l-emenda ġiet introdotta permezz tal-Att numru 18 tal-2021 u daħlet fis-seħħ b'effett minn Marzu 2021.

Alan Mamo, Direttur *Compliance*, xehed illi ż-żoni doganali huma dawk indikati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 37.05.  Peress illi Fuel Wharf ma kienx indikat fil-liġi bħala post doganali, l-intimat ma seta' jeżerċita ebda kontroll jew poter fuq dak illi kien qiegħed iseħħ hemmhekk.  Fil-fatt Mamo xehed illi "*Id-Dwana m'hijiex mgħonija bil-poter biex tagħmel verifiki dwar min għandu liċenzja ta' burdnar jew le barra l-konfini tal-postijiet ikkontrollati mid-Dwana*."

Għal dak illi jirrigwarda l-kwistjoni tal-allegat telf imġarrab mir-rikorrenti, Andrew Ellul, *accountat* mas-soċjetà rikorrenti xehed illi huwa kkwantifika d-danni bħala ammontanti għas-somma ta' €202,951.45.  Spjega illi r-rata tal-ġarr hija ta' €4.50 għal kull tunnellata.  Fil-kalkolu tiegħu ikkunsidra li t-telf beda mill-1 ta' Novembru 2016 u kompla sejjer sat-12 ta' Frar 2021.  Xehed illi huwa jqis illi matul dan il-perjodu ta' żmien ir-rikorrenti tilfu l-ġarr ta' 98 trakk għaliex fil-kalkolu tiegħu "*assumejt illi l-kumpaniji l-oħra m'għamlux użu tas-servizz….assumejt li l-ġarr kollu isir mill-Burdnara Bulk Cargo Group.  Jiena ma kkonsidrajtx li Intercement Co. Ltd. Jew Eurosem Ltd. setgħu użaw trakkijiet tagħhom stess*."

Il-kalkolu tiegħu sar b'dan il-mod:

441,883.16 tunnellata @ €4.50/tunnellata = €1,988,924.22 ÷ 98 trukk x 10 trakkijiet = €202,951.45.

**L-Eċċezzjonijiet Preliminari**

**Leġittimu Kuntradittur**

L-intimat eċċepixxa illi mhuwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet tar-rikorrenti. Jakkampa din l-eċċezzjoni fuq l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 li jipprovdi illi l-Gvern għandu jkun rappreżentat fil-kawżi mill-Kap tad-Dipartiment inkarigat mill-materja in kwistjoni. F'każ illi t-talba ma tistax titressaq direttament fil-konfront ta' dipartiment tal-gvern, l-Avukat tal-Istat għandu jkun vestit b'dik ir-rappreżentanza. Fil-każ tal-lum it-talba hija dwar allegati danni li nsorġew għaliex fil-fehma tar-rikorrenti, id-Direttur intimat naqas milli josserva d-dettami tal-liġi doganali. Tqis għalhekk illi la darba l-vertenza tittratta l-kwistjoni dwar jekk huwiex minnu jew le li ma ġietx osservata l-liġi doganali, huwa proprju d-Direttur intimat illi jrid jilqa' għat-talbiet tar-rikorrenti u b'hekk jiddefendi l-pożizzjoni tad-dipartiment minnu rappreżentat. Fuq kollox, jekk jirriżulta ppruvat illi ma ġewx imħarsa l-provvedimenti tal-Kap. 203 u konsegwentement jirriżulta wkoll illi hemm lok għal-likwidazzjoni tad-danni favur ir-rikorrenti, huwa d-Direttur intimat li jrid iwieġeb għall-aġir lamentat u d-danni riżultanti.

Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

**Interess Ġuridiku**

L-intimat eċċepixxa wkoll illi r-rikorrenti m'għandux interess ġuridiku f'din il-vertenza għaliex fil-fehma tal-istess intimat il-mertu tal-vertenza jikkonċerna terzi li mhumiex parteċipi f'dawn il-proċeduri.

Il-Qorti tqis illi lanqas din l-eċċezzjoni ma hija mistħoqqa.

Il-kawża in diżamina tittratta ilment da parti tar-rikorrenti dwar allegati danni mġarrba minnha stess minħabba allegata nuqqas t'osservanza ta' liġijiet doganali. La darba r-rirkorrenti qed tallega li ġarrbet danni personalment, huwa ovvju allura li għandha interess sabiex tistitwixxi u ssegwi din il-kawża. Jekk

għandiex raġun jew le fil-mertu hija kwistjoni separata li għad trid tiġi determinata.

**Mertu**

Il-kwistjoni li jmiss illi tiġi determinata hija jekk huwiex minnu illi d-Direttur intimat naqas milli josserva l-liġijiet doganali.

Mill-provi rriżulta sodisfaċentement ippruvat illi fil-perjodu li matulu r-rikorrenti qed tallega li ġarrbet danni u cioè, fil-perjodu bejn l-1 ta’ Novembru 2016 u t-12 ta’ Frar 2021, Fuel Wharf ma kienx indikat bħala *customs area* u għalhekk ma kienx jaqa’ taħt il-kontroll tal-intimat.

Jirriżulta wkoll illi wara li tressqu diversi lamentali dwar din il-kwistjoni u cioè dwar il-fatt li Fuel Wharf ma kienx regolat bil-liġi bil-konsegwenza li ma kienx hemm impedimenti għal min seta’ jħott is-siment, il-Gvern ċentrali ntervjena u daħħal emenda permezz tal-Avviż Legali 18 tal-2021 għall-fini li Fuel Wharf jiġi ndikat bħala *customs area*. Una volta li din l-emenda daħlet fis-seħħ, Fuel Wharf waqa’ taħt il-kontroll tad-Direttur intimat li allura issa seta’ jikkontrolla min jidħol f’din iż-żona desinjata sabiex iħott is-siment. Madanakollu, sal-mument illi din l-emenda daħlet fis-seħħ ma kien hemm ebda divjet fil-liġi li jipprekludi lil xi ħadd jew ieħor, burdnar liċenzjat jew mhux, milli jersaq sabiex iħott is-siment minn Fuel Wharf.

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet finali tiegħu il-Kontrollur tad-Dwana rribatta għall-argumenti tar-rikorrenti billi għamel referenza għar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Numru 881/92 li jsib applikazzjoni taħt il-Liġi Sussidjarja 65.19. Jgħid illi dan ir-Regolament jipprovdi għall-ġarr tal-merkanzija f’toroq pubbliċi mingħajr il-ħtieġa ta’ liċenzja *qua* burndar. Il-Qorti tqis dan l-argument bħala għal kollox futili għall-vertenza għaliex hawnhekk l-argument u l-ilment tar-rikorrenti huwa limitat għal dak illi kien qiegħed iseħħ fi żona ben speċifika. Għalkemm huwa evidenti li l-għan tar-rikorrenti huwa li jwaqqaf il-kompetizzjoni fis-settur, fil-każ tal-lum *non si tratta* dwar moviment liberu tal-merkanzija fil-pajjiż. Il-kwistjoni hija limitata għal min sewwa

sew kien awtorizzat bil-liġi li jiġbor is-siment minn post speċifiku u cioè minn Fuel Wharf.

Ir-rikorrenti jibbaża l-kawża tiegħu fuq dak illi jipprovdi l-Artikolu 9 tal-Kap 203 liema dispożizzjoni taqra hekk:

> *"Ebda ħaġa f'dan l-Att ma għandha tinftiehem li tipprekludi importatur jew esportatur jew sid ta' xi merkanzija milli jagħmel id-dikjarazzjonijiet tad-Dwana jew milli jirtira u, jew jittrasporta xi merkanzija importata jew li tkun ser tiġi esportata minnu, jew li tappartjeni lilu, skont il-każ, minn jew għal xi tinda tad-dwana, maħżen tad-depożt, veranda, moll jew servizzi għalih u f'ismu mill-impjegati tiegħu regolari awtorizzati kif imiss minnu:*
>
> *Iżda ebda importatur, esportatur jew sid ta' merkanzija ma jista' jġiegħel li dik il-merkanzija tiġi trasportata minn jew għal xi post tali kif ingħad qabel, ħlief permezz tas-servizzi ta' burdnar liċenzjat kif imiss għal hekk, kemm-il darba ma jużax għal dak l-iskop mezzi ta' transport li jappartjenu lilu u, meta jkun hekk meħtieġ mill-Kontrollur, ma jissodisfax lill-Kontrollur qabel ma l-merkanzija tiġi hekk trasportata li huwa l-importatur, l-esportatur jew is-sid, skont il-każ, ta' dik il-merkanzija*."

Din id-dispożizzjoni tipprovdi illi l-merkanzija li tasal fid-dwana għandha tiġi trasportata minn burdnar liċenzjat. L-unika eċċezzjoni kkontemplata fl-Artikolu appena ċitat hija favur is-sid tal-merkanzija li jista' jirtiraha hu personalment jew inkella persuna minnu awtorizzata għal dan l-iskop.

L-argument tar-rikorrenti huwa għalhekk fis-sens illi jinkombi fuq l-intimat bħala Direttur tad-Dwana u allura bħala kuratur tal-liġi doganali li jara li l-liġi tiġi rispettata skrupolożament u fejn jara nuqqas jissenjalah u jsegwi l-proċess sakemm tali nuqqas jiġi rimedjat. Jisħaq għalhekk illi l-bil-fatt li minkejja l-lamenteli li tressqulu, d-Direttur intimat baqa' passiv u ma rax li s-sitwazzjoni tiġi rimedjata, huwa rrenda ruħu ħati ta' nuqqas li ppreġudika serjament id-drittijiet tal-burdnara u dan billi ovvjament la darba s-siment kien qiegħed jinħatt minn terzi, l-

burdnara liċenzjati tilfu l-introjtu tagħhom mill-ġarr ta' dik il-merkanzija speċifika.

Il-Qorti qieset l-Artikolu 9 tal-Kap. 203 u partikolarment il-kliem:

> "… ***milli jirtira u, jew jittrasporta xi merkanzija*** *importata jew li tkun ser tiġi esportata minnu, jew li tappartjeni lilu, skont il-każ,* ***minn jew għal xi tinda tad-dwana, maħżen tad-depożt, veranda, moll*** *…"* (enfasi miżjuda)

Hawnhekk il-Qorti fliet ukoll it-test tal-istess dispożizzjoni kif riprodott fil-verżjoni bil-lingwa Ingliża. Jingħad hekk:

> "… *withdrawing and, or transporting any cargo imported or to be exported by him, or belonging to him, as the case may be, from or to any* ***customs shed, bonded store, warehouse, verandah, quay or other place of deposit*** *…"*

Fil-parti tal-Artikolu 9 tal-Kap. 203 appena riprodotta, il-Qorti tosserva li l-leġislatur indika espliċitament, bi kliem ċar u sempliċi li huwa fir-rigward ta' irtirar u trasport ta' merkanzija minn postijiet li huma fil-kontroll effettiv tad-dwana li għandhom jintużaw is-servizzi ta' burdnara liċenzjati.

Fiż-żmien interessat Fuel Wharf ma kienx imniżżel fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 37.05 bħala wieħed mill-"Postijiet approvati għall-iżbark" u għalhekk dak kollu li kien qiegħed jiġri f'dak il-moll ma kienx taħt il-kontroll tal-intimat.

L-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens illi kien jinkombi fuq l-intimat illi jara li s-sitwazzjoni tiġi rimedjata billi jressaq l-ilment tal-burdnara quddiem l-awtoritajiet kompetenti u jixpruna jew jimbotta favur emendi appożiti. Ir-rikorrenti jisħaq illi l-passività tal-intimat f'dan ir-rigward ipperikolat l-għixien tal-burdnara billi l-fatt li l-ġarr kien qiegħed isir minn terzi mhux liċenzjati tellef l-introjtu lill-burdnara. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ir-rikorrenti javvanza t-teżi li l-amministrazzjoni pubblika hija fl-obbligu li tosserva l-prinċipju tan-*neminem laedere* liema

prinċipju huwa estiż in rapport ta' viġilanza jew ta' kontroll b'mod ġenerali tal-attività pubblika.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi l-argument kif espost mir-rikorrenti ma jregix.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu ir-rikorrenti għamel referenza għas-sentenzi fl-ismijiet Elvira Abela vs Onor. Prim Ministru et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Diċembru 1994 u John Farrugia et vs Perit Joe Ellul Vincenti noe, deċiża fl-1 t'Ottubru 1996 minn din il-Qorti kif dakinhar preseduta. Madanakollu l-Qorti ssib illi l-ġurisprudenza ċitata kienet tittratta kwistjoni ta' saħħa u sigurtà fit-toroq. F'dawn il-każijiet l-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati naqsu pależement milli jissenjalaw il-periklu fit-toroq bil-konsegwenza li xi persuni tilfu ħajjithom. Il-mertu ta' dawk il-kawżi huwa wieħed ta' sigurtà fit-toroq, siġurtà li l-istat huwa obbligat jiggarantixxi favur iċ-ċittadini. Il-każ tal-lum m'għandu x'jaqsam xejn ma dan.

Il-kawża tal-lum tittratta lment ta' nuqqas ta' ntrojtu. Mis-sentenzi li jittrattaw proprju t-tematika ta' danni kkawżati mill-amministrazzjoni pubblika – kawżi li fil-maġġior parti tagħhom jittrattaw kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà fit-toroq jew il-provvista ta' servizzi pubbliċi liċ-ċittadini. Jirriżulta li l-Qrati applikaw il-prinċipju tan-*neminem laedere* u żammew lill-entitajiet pubbliċi responsabbli għall-ħtija akwiljana, f'każijiet fejn irriżulta li l-awtoritajiet ikkonċernati ma mxewx *qua bonus pater familias* fl-eżekuzzjoni ta' xogħolijiet, manutenzjoni ta' opri pubbliċi, viġilanza u kontroll.

Fid-disposizzjonijiet kollha tal-Kapitoli 37 u 203 u tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 37.05 imkien ma tinstab xi dispożizzjoni li timponi fuq il-Kontrollur tad-Dwana l-obbligu tal-viġilanza jew ta' kontroll b'mod ġenerali tal-attivita pubblika. Għall-kuntrarju, issib illi ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap 203, il-leġislatur ħalla esklussivament f'idejn il-Ministru responsabbli għad-Dwana s-setgħa li "*jagħmel regolamenti biex jesegwixxi d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att*" sabiex fost l-oħrajn jiddetermina:

(a) *Il-mod li bih ix-xogħol tal-burdnara jista' jiġi regolat, ristrett jew xort'oħra ikkontrollat."*

Dan ifisser illi hija diskrezzjoni assoluta tal-Ministru responsabbli mid-Dwana li jirrestrinġi x-xogħol tal-burnara. Il-Qorti tqis illi l-esklużjoni ta' Fuel Wharf mil-lista ta' postijiet approvati għall-hatt matul il-perjodu li għalih jirreferi l-ilment tar-rikorrenti jikkostitwixxi forma ta' kontroll fuq il-postijiet li fihom il-ġarr tal-merkanzija huwa mħolli esklussivament f'idejn il-burdnara. Dan ifisser li jekk semmai ir-rikorrenti għandu xi lment, dan messu ġie ndirizzat fil-konfront tal-Ministru relattiv u mhux tal-Kontrollur tad-Dwana li huwa eżawtorat milli jikkontrolla fejn għandhom igawdu esklussività il-burdnara. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti li l-intimat ma jistax jinstab ħati ta' ommissjoni kif qiegħed jippretendi r-rikorrenti. Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba li qiegħda tiġi miċħuda.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni;

2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu;

3. Tiċħad l-ewwel talba u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tat-talbiet.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG